**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 33

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Daniel Mallia– Viċi Sindku

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Ittra ta' apoloġija kien hemm waħda, mingħand il-Viċi Sindku Daniel Mallia, li hija annessa mal-minuti.

33.1.2 Is-Sindku u l-kunsilliera approvaw din l-ittra u s-Sur Mallia ġie skużat milli jkun preżenti għal din is-seduta.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 32

33.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tieni u tlettin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

33.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

33.2.3 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini l-minuti tat-tieni u tlettin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

33.3.1 B'Dispjaċir, Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif l-applikazzjoni tal-Kunsill mad-Dipartiment biex jitellaw attivitajiet kulturali għas-sena 2022, fejn l-kunsill applika għal Festival taċ-Ċitru ma ġietx aċċettatha. Għalhekk is-Sur Dalli kompla jgħid li biex issir din l-attivita hemm bżonn li jiġu akwistati fondi oħħa, minn imkejjen oħra biex din l-attivita tkun tista titella fuq skala ta' ċertu livell.

33.3.2 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera bi nformazzjoni dwar għaqda oħra li donnu ma tantx kien jaf biha l-kunsill. Din l-għaqda hija Club 32 li tikkonċentra fuq il-ħamiem tat-tiġrija. Huwa qal kif kellu l-opportunita li jkun mistieden għall-Awards Night ta' din l-għaqda. Għalhekk is-Sindku qal li din l-għaqda ser tiżdied mal-lista tal-għaqdiet l-oħra kollha fil-Lokalita.

33.3.3 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ta' restawr fuq il-Kappella tat-Twelid tal-Madonna (tal-Belliegħa) ġiet aċċettata u beda x-xogħol ta' preparazzjoni fuqha kif meħtieġ.

33.3.4 Is-Sur Dalli qal kif fil-jiem li għaddew, kien mistieden ukoll jiltaqgħa ma' Uffiċċjali tal-Pulizija li se jkunu qed joperaw il-proġett fil-lokal ta' Ħal Lija ta' Community Policing, flimkien mal-lokalitajiet ta' Ħ'Attrad, L-Iklin u Ħal Balzan. Filfatt nhar it-Tnejn li għadda, hu ħa anke sehem f'seminar organizzat mill-AKL dwar dan l-istess proġett u kif ukoll proġett ieħor li se jkun varat fil-lokalitajiet mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

33.3.5 Is-Sindku ssuġġerrixa li fl-ewwel Ħadd ta' Novembru li ġej issir quddiesa b'sufraġju tal-Kunsillieri mejtin li ħadmu fir-raħal ta' Ħal Lija, kif ukoll għal impjegati u r-residenti li ġew nieqsa fl-aħħar sena.

33.3.6 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni ta' open air gym fejn riċenti din ġiet approvatha u l-kunsill issa għandu anke f'idejh l-approvazzjoni tad-DNO li ssottometta l-perit mal-awtorita tal-Ippjanar biex jitwettaq dan il-proġett. Issa ser jibdew il-preparazzjonijiet mal-perit biex jinħareġ id-dokument ta-tender.

33.3.7 Is-Sur Dalli qal li l-preparazzjonijiet biex jingħata wiċċ ġdid fi Triq Carmelo Farrugia, qiegħed fi stadju avvanzat u dan ix-xogħol mistenni jibda f'Novembru 2021.

33.3.8 Is-Sur Dalli spjega kif tkompliet ukoll il-korrispondenza ma' diversi entitajiet dwar il-preparazzjonijiet biex isiru il-bankini l-ġodda fil-parti t'isfel ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Sindku fakkar lil kunsilliera kif huwa fi seduti preċedenti kien qalilhom li jrid jinbidel il-main tal-ilma fuq iż-żewġ naħat tat-triq. L-ispiża biex isir dan u jitpoġġa culvert, sa issa hija ta' madwar EUR 40,000. Is-Sindku spjega kif huwa ser jiprovva jinnegozja ma' WSC biex ikompli jnaqqas dan il-prezz. Ser jitkellem ukoll mal-Enemalta fejn ser jiprova jikkonvinċihom biex il-wires li għaddejjin fuq l-arbli, isiru taħt l-art kif ser isir il-culvert tal-ilma. Ser isir xi xogħol ukoll mill-GO u Melita, imma dan għal spejjeż tagħhom.

33.3.9 Is-Sindku qal kif fid-19 ta' Ottubru, kellu żjara ta' kortesija mis-Sindku Ercan Ertas, ta' Acigol fit-Turkija, fejn wara li flimkien tkelmu fuq proġetti u fondi tal-EU, issuġġerixxa li jsir co-operation agreement biex ikunu jistgħu jippartecipaw mal-Kunsill ta' Ħal Lija għal dawn il-proġetti.

33.3.10 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-proġett ta' 'Meet the locals'. Huwa qal li qed jerġa jsir review ta' dan il-proġett u ser jerġgħu jiprovaw jibdew xi żjarat mill-bidu ta' Jannar 2022. Bħal issa l-Kunsill għandu studenta li qiedgħa topera mill-Uffiċċju tal-Kunsill dwar dan il-proġett.

33.3.11 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-kuntratt tal-binja il-ġdida tal-kunsill li s-segretarju eżekuttiv bgħatet lil kunsilliera ftit taż-żmien ilu mhux ħażin, pero bi diżappunt qal li ħadd mill-kunsilliera ma bgħat feedback lura dwaru. Filwaqt li huwa assuma li l-kunsilliera qraw il-kuntratt mibgħut huwa qal li kemm il-darba m'hemmx mistoqsijiet dwaru jew xi ħadd li jrid jżied xi ħaġa, dan il-kuntratt ser jiġi ffirmat mas-sid. Huwa ppjanat li l-amministrazzjoni tal-kunsill ser tibda topera mill-binja il-ġdida għal ħabta ta' Marzu 2022. Il-Kunsill għadu qed jistenna l-approvazzjoni mingħand l-awtorita tal-Ippjanar li jinħareġ permess biex id-dar flokk jibqa jkollha użu residenzjali, tibda tintuża għal użu ta' uffiċini għal kunsill lokali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu fuq proposta tal-kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-kap ta' Minoranza Lorraine Farrugia.

## 33.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

33.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm. Pero żewġ kunsilliera kellhom mistoqsija żgħira kull wieħed li s-Sindku ma sabx oġġezzjoni jwieġeb għalihom xorta waħda.

33.4.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm xi update dwar il-ħajt baxx ta' għalqa li hija rrapurtat fi Triq K.Ferretti ma' Triq Salvu Mifsud, li warajh kien qed jiġi mitfuħ ħafna ħmieġ u żibel. Hija xtaqet tkun taf jekk il-persuna li kienet identifikat hi bħala is-sid tal-ħajt, ġietx ikkuntatjatha biex tnaddaf il-ħmieġ u finalment ittella l-ħajt b'aktar filati kif suppost. Is-sindku wieġeb kif huwa wasal biex għamel kuntatt mas-sid identifikat pero minħabba l-kunċett ta' data protection huwa qal li ser iżżom nfurmat kemm lis-sinjorina Farrugia u kif ukoll lil kunsilliera l-oħra, b'aktar dettalji dwar dan il-każ wara s-seduta.

33.4.3 Il-Kunsillier Zahra ġibed l-attenzjoni kif fil-bidu tat-triq qabel ma tidħol għal Ħal Lija fejn jarma tal-ħaxix, il-bankina qiegħda fi stat diżastruż ħafna u staqsa jekk l-kunsill jistax jagħmel xi ħaġa. Is-Sindku wieġeb kif dik hija Triq Arterjali u ma taqax f'idejn il-kunsill. Il-Kunsill f'dik il-parti jagħmel biss l-iżbir ta' żewġ konok li hemm u ta' bugan Villa li riċentament ġew miżbura kollha mill-ġardinar.

## 33.5 Korrispondenza

33.5.1 Ir-Rapport imressaq f'din il-parti tas-seduta kien wieħed qasir u konċiż pero xorta kemm hemm xi kunsilliera li kellhom xi klarifiki/domandi dwar xi korrispondenzi mibgħutha bejn il-kunsill u terzi. Filfatt ħafna mill-mistoqsijiet li kellhom il-kunsilliera kienu żgħar li ġew mwieġba mil-ewwel mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

33.5.2 Is-Sinjorina Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru 0286/21. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik kienet korrispondenza mingħand TM biex ma jinħarġux permessi minn qabel 9:30am fi main roads u toroq arterjali, fi toroq li fihom hemm l-iskejjel u kif ukoll f'toroq oħrajn li f'għajnejn il-kunsill m'għandux jingħata permess kmieni għax jista jiġi affettwat it-traffiku.

33.5.3 Il-Kunsillier Calcedonio Ċini u l-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, xtaqu jkunu jafu dwar xix titratta korrispondenza nru 0303/21 bl-isem 'Proposed Lija Public Garden and Sports Facilities'. Is-Sindku wieġeb kif dik hija imejl mibgħuta minn resident li għandu idea, li tajjeb wieħed jaħseb fuqha, dwar kif tista tiġi żviluppata l-art tal-University Residence li tibqa sejra bi ġnien kbir sa ħdejn it-torri. Dan ir-Resident qed jitlob lil kunsill jara jekk jistax jħajjar lil Gvern jixtri din l-art privata u tiġi utilizzatha b'diversi modi, fosthom; parti għal dog park, parti għal open gym/ attivitajiet sportivi, restorant/cafe, biċċa għal car park, jinħoloq public garden etc. Din l-art tkun tal-gvern pero jieħu ħsieba l-kunsill. Is-sindku qal li suppost din l-art mhux se tkun żviluppatha bi bini skond l-aħħar konverżazzjoni li kellu mis-Sid. Is-Sur Dalli qal ukoll li kemm il-darba l-kunsilliera ma jsibux oġġezzjoni huwa lest jiltaqa' mal-Ministru Hon. Aaron Farrugia u jressaq dan it-talba fl-interess ta' ambjent isbaħ u renovat li jista jibbenfika minnu r-raħal kollu. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni.

## 33.6 Approvazzjoni tal-*audited financial statements, management letter* u risposta tal-kunsill finali għas-sena 2020

33.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill kopja finali tal-audited financial statements flimkien mal-management letter 2020 (Ittra ta' direzzjoni) datata 15 ta' Settembru 2021 li minkejja din id-data, din uffiċjalment waslet il-kunsill fl-04 ta' Ottubru 2021.

33.6.2 Fuq il-mejda tal-kunsill tpoġġiet ukoll ir-risposta tal-management letter 2020 (Ittra ta' direzzjoni) bid-data 20 ta' Ottubru 2021. Kopja tal-Ittra ta' direzzjoni 2020 flimkien mar-risposta ppreparatha ngħatat lil Kunsilliera kollha. Preżenti waqt din il-parti tal-laqgħa kien hemm l-accountant tal-kunsill, is-Sur Incorvaja, biex fil-qosor jagħti spjegazzjoni ta' dawn id-dokumenti u anke jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera kemm il-darba jkun hemm.

33.6.3 Kemm is-Sur Invorcaja u kif ukoll is-Sindku għamlu stqarrija nġenerali fuq dawn ir-rapporti fejn qalu li l-audit mar tajjeb ħafna għas-sena 2020 u mill-management letter jidher li ftit li xejn irriżultaw affarijiet fin-negattiv speċjalment minn naħa tal-amministrazzjoni. Il-Kummenti negattivi li ġew imniżżla huma aktar fuq affarijiet tekniċi u li jibqaw jitniżlu kważi kull sena. Wara din l-istqarrija s-Sur Dalli ħalla f'idejn l-accountant biex jagħmel l-ispjegazzjoni tiegħu. Is-Sur Incorvaja tkellem dwar l-audited financial statements u kif ukoll dwar il-management letter għas-sena 2020.

33.6.4 Is-Sur Incorvaja qal li huwa daqsxejn preokkupat dwar il-kreazzjoni tal-fixed asset register mill-bidu fis-sage għax fuq excel dan jeżisti. Huwa esprima ruħu u qal li biex jiġi kkreat fixed asset register mill-bidu, peress li l-kunsill qatt ma kellu, hija biċċa xogħol kbira u għaliha jrid jkun hemm xi kumpens apparti mill-kuntratt peress li l-kuntratt kurrenti jobbligah biss jagħmel manutenzzjoni tal-fixed asset register u mhux li jiġi kkreat mill-ġdid. Dwar dan is-sindku qallu li aħjar isir meeting li għalih jkun hemm preżenti l-accountant, is-sindku u s-segretarju Eżekuttiv biex issir diskussjoni aktar fid-dettal.

33.6.5 Is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet x'jagħmlu lil accountant dwar dawn ir-rapporti u mistoqsijiet ma kienx hemm.

33.6.6 Il-Kunsill unanimament approva l-Ittra ta' Direzzjoni 2020 u kif ukoll qabel li tintbgħat ir-risposta ssuġġeritha, dan fuq proposta tal-Kunsilliera Calcedonio Cini, li kien issekondat mis-Sindku Anthony Dalli.

## 33.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull kwart għal Perjodu Jan-Sep 2021

33.7.1 Dan l-item kellu jiġi maqbuż u ser jiġi diskuss fi seduta oħra peress li r-rapport kien għadu mhux iffinalizzat.

## 33.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

33.8.1.1 <u>SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – finanzjament Milied 2021</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill skema ta' espressjoni ta' interess għal finanzjament tal-Milied għas-sena 2021. Kopja ta' din iċ-ċirkulari intbgħatet qabel il-laqgħa lil kunsilliera kollha.

33.8.1.2 Dan il-finanzjament qed jiġi mgħoti mid-Direttorat għall-Gvern Lokali biex kunsilli Lokali jkollhom l-opportunita' jorganizzaw program ta' attivitajiet f'dan il-perjodu li jservi ta' għodda sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiċċelebraw dan iż-żmien kif xieraq. Il-Kunsill Lokali jista jorganizza wkoll programmi tal-Milied bl-involviment tal-NGOs Lokali bħal każini u għaqdiet.

33.8.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega kif din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 90% tal-proġett sa massimu ta' €45,000 u l-kunsill lokali kellu ċans jissottometti l-applikazzjoni tiegħu sal-Ħamis 7 ta' Ottubru. Hija kompliet tgħid kif filfatt l-kunsill daħħal l-applikazzjoni tiegħu għal din l-iskema bi kollaborazzjoni mas-Soċjeta Mużikali San PIO X, u s-Soċjeta Sant Andrija biex jitella Presepju Ħaj, u dan '*drive thru*' fi Triq Sant Andrija.

33.8.1.4 Is-Sur Dalli ħa ħsieb jikkorrispondi u jiltaqgħa maż-żewġ għaqdiet fejn dawn ilkoll qablu li lesti jaħdmu flimkien mal-kunsill biex jitella dan il-presepju ħaj. Peress li d-data tas-sottomossjoni tal-applikazzjoni kienet qabel is-seduta tal-kunsill, is-sur Dalli anke għamel komunikazzjoni mal-kunsilliera kollha dwar il-ħsieb li jiġi organizzat presepju ħaj fi Triq Sant Andrija. Fl-espressjoni ta' nteress iddettaljatha li bgħat il-kunsill mal-għaqdiet, intalab finanzjament bejn wieħed u ieħor ta' €43,900.

33.8.1.5 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni u fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini ġiet approvatha l-applikazzjoni li ressaq il-kunsill maż-żewġ għaqdiet biex jitella presepju ħaj.

33.8.2.1 <u>SPI/SCI/7/2021 – Fond ta' Manutezzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill skema għal Fond ta' Manutezzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u L-Gvern Lokali qed nniedi din l-iskema ta' fondi sabiex il-kunsilli lokali jkunu f'pożizzjoni li jwettqu manutenzzjoni fuq proġetti infrastrutturali li ġew mwettqa mill-Gvern Ċentrali fil-komunita mis-sena 2011 l'hawn. Kull kunsill Lokali jista jibbenifika sa massimu ta' €65,000 u din l-iskema ser tiffinanzja 85% tal-ispiża.

33.8.2.2 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid kif il-kunsill għandu ċans jissottometti din l-applikazzjoni sas-26 ta' Novembru 2021. Pero jidher li f'Ħal Lija mis-sena 2011 l'hawn ma twettqux Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern u li għandhom bżonn manutenzzjoni. Il-Proġetti li saru riċenti mill-Gvern Ċentrali kollha għadhom bi garanzija, bħal toroq li riċenti ngħataw wiċċ ġdid bit-tarmac, u għalhekk il-kunsill mhux eliġibbli li japplika.

33.8.2.3 Il-Kunsilliera ħadu nota dwar dan.

33.8.2.4 <u>Skema Finanzjarja 2/2021 – Servizz ta' tagħlim fil-mużika mogħtija mill-każini tal-baned fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru</u>

33.8.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill skema finanzjarja maħruġa mir-Reġjun Ċentru, skema 2/2021 li tirrifondi lura sa massimu ta' €2,000 lil kull kunsill lokali li jaqa fi ħdan ir-Reġjun biex jiġi rimborż is-servizz ta' tagħlim fil-mużika mgħotija mill-każini tal-baned.

33.8.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-Sindku biex ikompli jitkellem dwar din l-iskema. Is-Sur Dalli qal kif il-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-Kunsillier Calcedonio Cini u l-Minority Leader Lorraine Farrugia diġa jafu b'din l-iskema għaliex kienu preżenti miegħu għal AGM tar-Reġjun. Is-Sur Dalli qal kif il-każini tal-baned qed jiġu mgħarfin dwar dan is-sussidju u biex minnufih jibgħatu l-invoices u l-irċevuti fiskali kollha l-għandhom flimkien ma' dokumenti oħra kif mitlub, biex il-kunsill jikseb dawn il-fondi ta' għajnuna f'isimhom mar-Reġjun.

33.8.3.3 Il-Kunsill unanimament approva din l-iskema fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mis-Sindku Anthony Dalli.

33.8.4.1 <u>Skema Finanzjarja 3/2021 – Għal xiri jew Kiri ta' Tiżjin tal-Milied 2021</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill skema finanzjarja maħruġa mir-Reġjun Ċentru, skema 3/2021 li tirrifondi lura sa massimu ta' €3,000 lil kull kunsill lokali li jaqa fi ħdan ir-Reġjun fuq spejjeż ta' xiri jew kiri ta' dawl u tiżjien għal żmien il-Milied.

33.8.4.2 Il-Kunsill għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu bi deskrizzjoni ddettaljatha dwar x'tip ta' tiżjin ser jinxtara jew inkella jinkera sa mhux aktar tard mid-19 ta' Ottubru 2021. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku u lil kunsilliera biex jiddiskutu din il-materja u jiddeċiedu x'tiżjin ser jixtru jew jikru.

33.8.4.3 Is-Sindku qal, diment li l-kunsill jingħata l-finanzjament mid-Dipartiment taħt l-iskema SPI/SCI/6/2021 biex jitella l-presepju ħaj, il-ħsieb tiegħu huwa li dawn il-fondi tal-Milied mingħand ir-Reġjun jiġu utilizzati kif ġej:
Biex tinxtgħel bid-dawl il-pjazza kollha;
Titpoġġa Christmas tree mill-fondi;
Tinxtgħel bid-dawl id-dawra iż-żgħira tal-pjazza kif isir fil-festa tas-Salvatur (Triq il-kbira, Triq il-Forn u Triq il-Knisja) biex parti mir-raħal tkun mixħgulha u dan bl-għajnuna tal-festi esterni.

33.8.4.4 Is-Sindku qal kif dan it-tiżjin kollha inkluż hi-up u meter tad-dawl temporanju li jrid jiġi nstallat jaf jaqbżu bi ftit is-somma tat-3,000, pero din m'għandix tkun problema għax id-differenza tittieħed minn fondi oħra.

33.8.4.5 Il-Kunsilliera unanimament qablu. Is-sindku qal li l-kunsill irid jibda jaħdem b'ritmu mgħaġġel fuq din l-iskema u jibda jiġbor il-kwotazzjonijiet, invoices u rċevuti biex jissottometti kollox mad-deadline tar-Reġjun fil-ħin. Barra minnhekk kemm jista jkun id-dokumenti kollha jridu jkunu f'idejn il-kunsill sas-seduta ta' Novembru biex jiġu approvati mill-Kunsill ukoll qabel ma jintbgħatu lir-Reġjun.

33.8.5.1 <u>Skema Finanzjarja 4/2021 – Għal xiri ta’ A.E.D (Automated External Defibrillator) u taħriġ</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill skema finanzjarja maħruġa mir-Reġjun Ċentru, skema 4/2021 sabiex il-kunsill lokali jkun jista jixtri A.E.D u tiġi mwaħla fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega kif ir-Reġjun Ċentru ġabar tlett kwotazzjonijiet u l-irħas waħda kienet ta’ A.T.G Company Ltd.

33.8.5.2 Il-kwotazzjoni ta’ A.T.G Company Ltd tammonta għal €2,330.50 li dan l-ammont ser jiġi rrifondat kollu lura mir-Reġjun Ċentru u l-kunsill lokali għandu jagħmel kuntatt ma’ din il-kumpanija biex jixtri defibrillator. Is-sinjorina Borg qalet kif hija diġa għamlet kuntatt mal-fornitur fejn intbgħatet purchase order.

33.8.5.3 Mhux talli l-kunsill diġa bgħat il-purchase order imma is-Sindku qal kif huwa ħa pass ieħor fejn ċempel lil kumpanija kkonċernatha biex jara jekk għandhomx cabinet li jista jixtri l-kunsill biex f’każ li ssir xi attivita fil-pjazza, id-defibrillator għal dik il-ġurnata tinqala mill-kunsill u titpoġġa fil-pjazza f’din il-cabinet addizzjonali. Naturtalment il-kunsill irrid iħallas għal din il-cabinet mill-fondi tiegħu u din l-ispiża żgħira mhux inkluża mal-fond li ser jiġi rimbors mir-Reġjun.

33.8.5.4 Il-Kunsilliera ħadu nota ta’ din l-informazzjoni u approvaw din l-iskema wkoll.

33.8.6.1 <u>Fondi UIF – Approvazzjoni tal-Applikazzjonijiet sottomessi mill-għaqdiet</u>

Is-Segretarju Eżekuttib poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill għall-approvazzjoni tlett applikazzjonijiet mibgħuta mingħand tlett għaqdiet differenti li urew interess biex jagħmlu użu mill-fondi tal-UIF. Dawn it-tlett għaqdiet huma l-klabb tal-futbol Lija FC biex jirrestawraw il-faċċata tal-klabb, is-soċjeta Mużikali San Pio X biex jinstallaw numru ta’ panelli fuq il-bejt flimkien ma’ xi minor alterations li jvarjaw minn PA 1293/11 u s-Soċjeta Sant Andrija li jixtiequ jagħmlu restawr tal-ħajt tal-ġnien fil-binja tagħhom ukoll.

33.8.6.2 Is-Sindku spjega kif skond ir-regolamenti tal-fondi tal-UIF (li jiġu akkumulati mill-multi li jingħataw fuq l-iżviluppi tal-bini) 70% tal-fondi jintużaw kif jitlob il-kunsill u 30% tal-fondi jistgħu jiġu utilizzati minn NGOs weħidhom jew inkella NGOs flimkien mal-kunsill Lokali. Kemm il-darba dawn l-NGOs japplikaw weħidhom għandhom ċans jieħdu rimbors ta’ 70% tal-ispejjeż li jkunu applikaw għalihom, filwaqt li jekk japplikaw mal-kunsill jieħdu rimbors ta’ 100% tal-ispejjeż. Il-Kunsill bħalissa għandu fond ta’ madwar 30,000 EUR li jistgħu jużaw dawn l-NGOs. It-tlett applikazzjonijiet sottomessi mill-għaqdiet flimkien ma jaqbżux dan it-total.

33.8.6.3 Il-Kunsill unanimament approva dawn it-tlett applikazzjonijiet u biex tingħata għajnuna lil għaqdiet, fuq proposta tas-sinjorina Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

33.8.7.1 <u>Fondi Sebbaħ il-Lokali – Aktar Fanali ġodda</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f’idejn is-sindku biex jitkellem dwar dan l-item fuq xewqa li huwa għandu biex japplika u jagħmel użu minn fondi taħt l-iskema Sebbaħ il-Lokal.

33.8.7.2 Is-Sindku spjega kif il-kunsill għandu fondi allokati mill-Awtorita tal-Ippjanar, madwar 50,000 EUR biex iħejji proġetti ta’ tisbieħ. Huwa qed jiproponi li dawn il-fondi għandhom jintużaw biex il-kunsill ikompli jinvesti fit-tisbieħ tal-lokal b’permezz ta’ xiri u mplementazzjoni ta’ aktar fanali ġodda fl-isqaqien u fit-toroq tal-qalba tar-raħal. Is-Sur Dalli qed jestima li b’kollox hemm erbgħin 40 fanal li jistgħu jiġu mplementati. Minnflokk bozza jsir fanal.

33.8.7.3 Il-Kunsilliera unanimament qablu mas-Sur Dalli, fuq proposta tal-Kunsillier Joseph Zahra u l-Kunsillier Calcedonio Cini.

33.8.8.1 <u>Rimi ta’ oġġetti minn fuq l-inventarju tal-Kunsill</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba biex il-kunsill jiddispondi minn żewġ oġġetti minn fuq l-invertarju tal-kunsill li huma OE-069 u OE-007. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dawn l-oġġetti jikkonsistu fi monitor u tower tal-kompjuter antiki li m’għandhomx użu aktar u m’għadhomx jaħdmu sew.

33.8.8.2 Il-Kunsill kollu unanimanent approva din it-talba.

33.8.9.1 <u>Approvazzjoni tal- Performance Reports tal-Ħaddiema taħt l-iskema CWSEF</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill l-*performance reports* tat-tlett ħaddiema li għandu l-kunsill mislufa mill-kumpanija *District Operations* taħt l-iskema *CWSEF*; George Sammut, Bjorn Borg u Andre Spiteri. Hija fakret lil kunsilliera kif skond l-*agreement* iffirmat li għandu l-kunsill ma’ din il-kumpanija, il-kunsill obbligat iħallas somma żgħira bħala *performance bonus* fl-aħħar tas-sena lil dawn il-ħaddiema.

33.8.9.2 Is-Sinjorina Borg qalet li matul is-sena hija kontinwament tagħmel moniteraġġ tax-xogħol u l-*performance* ta' dawn it-tliet ħaddiema, flimkien mas-sindku. Filfatt hija qalet li tat *grading* xieraq lil kull ħaddiem fuq bażi tal-*performance* tiegħu matul is-sena 2021. Dan il-grading ġie mgħoti b'kunsultazzjoni mas-sindku. Is-Sinjorina Borg kompliet billi rringrazzjat lit-tlett ħaddiema tax-xogħol tagħhom iżda tenniet ukoll kif it-tlett ħaddiema għandhom fejn jimirħu aktar u tixtieq li juru aktar interess u responsabbilta fil-linja tax-xogħol tagħhom. Is-Sindku qabel mas-Sinjorina Borg u żied jgħid pero li minn meta l-kunsill jibda jopera mill-binja l-ġdida jrid jara aktar inizjattiva minn dawn il-ħaddiema.

33.8.9.3 Il-Kunsill unanimament approva dawn it-tlett rapporti.

33.8.10.1 <u>Preparazzjonijiet għal Milied 2021</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-Sindku biex jitkellem dwar dan l-item u jesprimi l-ideat li huwa għandu.

33.8.10.2 Is-sindku qal, diment li s-sitwazzjoni tal-COVID tibqa waħda li hi kalma, jista jibda jitħejja pjan ta' diversi attivitajiet li jistgħu jsiru għal Milied. Pereżempju huwa qal li l-kunsill jista jorganizza t-tqassim tar-rigali bil-carriage u mama christmas, tista ssir l-ikla bejn l-istaff u l-kunsilliera u anke l-ikla tar-residenti, dan naturalment skond il-protokolli tas-saħħa, etc. Is-sinjorina Farrugia talbet biex kemm il-darba ssir, hija trid li tiġi nvolutha fl-attivita tat-tqassim tar-rigali u li din l-attivita ssir mill-kunsill b'xejn u mhux kif sar fis-sena 2019. Is-Sindku qal li din l-attivita ser jerġa joħodha f'idu kollha l-kunsill għax kienet aktar ta' suċċess meta kien isir hekk.

33.8.10.3 Fil-jiem li ġejjin huwa qal li ser tkun qed tiġi pprepartha lista bl-attivitajiet kollha li ser tintbgħat għall-attenzjoni tal-Kunsilliera u fis-seduta li jmiss ta' Novembru umbgħad ikun hemm qbil unanimu u finali tal-attivitajiet li ser jitwettqu. Dati u aktar dettalji tal-attivitajiet ser jiġu kkonfermati aktar l-quddiem.

33.8.10.4 Il-Kunsilliera qablu.

33.8.11.1 <u>Preparazzjonijiet u ħruġ għal edizzjoni oħra tal-Fuljett tal-Kunsill</u>
Flimkien mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif ser jibdew isiru preparazzjonijiet biex jinħareġ fuljett ieħor tal-kunsill lokali. It-Tijr huwa li dan il-fuljett joħroġ għal żmien il-Milied. Is-Sinjorina Borg ħalliet f'idejn is-sindku biex jitkellem aktar fid-dettal dwar dan l-item.

33.8.11.2 Is-Sur Dalli qal li ser jibda bit-tħejjija biex jiġi preparat fuljett ieħor li ser jitqassam fir-raħal għaż-żmien tal-Milied. Għalhekk huwa talab lil kunsilliera biex jibdew jaħsbu x'jixtieqU jiktbu fil-fuljett.

33.8.11.3 Il-Kunsilliera unanimament qablu u ħadu nota dwar dan.

33.8.12.1 <u>Preparazzjonijiet għal festival taċ-ċitru 2022 (23/01/2022)</u>
Dwar dan l-item is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-sindku biex jagħti deskrizzjoni ddettaljatha.

33.8.12.2 Is-Sur Dalli qal kif il-kunsill ukoll jrid jibda jaħseb u jħejji pjan ta' kif ser jitella l-festival taċ-ċitru. Naturalment huwa qal li peress li l-kunsill ma kwalifikax għal fondi bħas-soltu mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali, l-kunsill irrid jipjana l-budget tiegħu u jara minn fejn jista jakkwista xi fondi oħra biex dan il-festival jkun ta' suċċess.

33.8.12.3 Il-Kunsill jrid jara ukoll li festival bħal dan jitella skond il-protokolli kollha tas-saħħa u għalhekk tajjeb li l-kunsill jibda jakkwista informazzjoni bħal din ta' kif għandu jmexxi eżatt.

33.8.12.4 Dan il-festival, normalment isir fit-tielet ħadd ta' Jannar. Il-Kunsill irid anke jara meta ser ikun il-festival taċ-ċitru tal-President biex dan jaħbatx ma' tal-kunsill. Is-Sur Dalli żied ukoll jgħid li f'dan il-festival ukoll aktarx jerġa jsir it-tberik tal-annimali.

33.8.12.5 Aktar dettalji u pjanijiet dwar dan il-festival ser ikomplu jiġu diskussi fis-seduti tal-kunsill li jmiss.

33.8.13.1 <u>Quddies b'rispett tal-Mejtin (07/11/2021)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku resqu proposta biex fl-14 ta' Novembru 2021 fi 9:30am, ssir quddiesa ta' rispett għal mejtin kollha, bl-istess proċedura li ġiet addotatha s-sena l-oħra. Din l-informazzjoni kienet diġa ġiet ikkomunika lil kunsilliera fil-bidu tas-seduta mis-Sindku bħala waħda mill-komunikazzjoni tiegħu. Bħas-sena li għaddiet għandhom jiġu orndati l-kuruni biex jitpoġġew, waħda fuq l-lapida ta' ħdejn il-knisja u oħra fuq il-lapida tal-kamra tan-nar.

33.8.13.2 Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

33.8.14.1 Applikazzjoni Reserved parking fi Triq M. Debono
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-kunsill applikazzjoni għal reserved parking fi Triq Massimiliano Debono.

33.8.14.2 Il-Kunsill approva li tintbgħat din l-applikazzjoni għall-approvazzjoni u l-verifikazzjoni ta' TM.

33.8.15.1 Talba għal twaħħil ta' dog bin fi Triq Pantar
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda tal-kunsill talba biex jitweħħel dog bin fi Triq Pantar. Is-Sindku qal li dog bin f'din it-triq ser ikun tweħħel barra mill-qalba tar-raħal u qisu m'hemmx post adattat fejn jista jeħel. Il-Kunsilliera qablu wkoll.

33.8.15.2 Ġie deċiż li l-kunsill jerġa jitkellem mal-persuna li ressqet it-talba, pero aktarx li din it-talba ma tiġix milqugħa u ma ttieħditx deċiżjoni finali.

33.8.16.1 Fun Run tal-President – 21 Nov 2021
Is-Sindku tkellem dwar il-fun run tal-President li din ħa ssir fil-21 ta' Novembru 2021. Huwa spjega kif din is-sena din il-fun run ħa ssir bi differenza, fejn minħabba il-Covid il-president talab l-għajnuna tal-kunsilli lokali biex issir fun run żgħira f'kull lokalita.

33.8.16.2 Filfatt huwa qal li l-kunsill waslu t-shirts tal-fun run flimkien mal-formuli ta' reġistrazzjoni u xi vouchers, li dawn mis-26 ta' Ottubru sat-12 ta' Novembru ser jibdew jitqassmu lir-residenti ta' Ħal Lija nteressati bi donazzjoni ta' 10 EUR.

33.8.16.3 Is-Sindku qal kif il-kunsill irid ikun huwa l-ewwel tal-eżempju biex jipparteċipa fi inizjattiva bħal din u jagħmel mill-aħjar biex jħeġġeġ lir-residenti jipparteċipaw. Suppost kull lokalita triq tagħmel mezz li tiġbor 100 residenti. Huwa ppropona li l-kunsill jibgħat anke imejl lil għaqdiet biex iħajjarhom jipparteċipaw. Wara kollox din hija xi ħaġa sabiħa u ta' karita għal dawk li huma fil-bżonn.

## 33.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

33.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 10/21 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €60.57 għax-xahar ta' Settembru.

33.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondatha mis-Sindku Anthony Dalli. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 33.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

33.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, kien hemm xi applikazzjoni waħda li t-town planner issuġġeriet li għandna niktbu ttra ta' rappreżentazzjoni fuqha u l-kunsill ser imexxi fuq il-parir professjonali tagħha.

33.10.2.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar applikazzjoni bin-numru PA 00276/21 fi 15, Mille Fiouri Triq Daniel Sammut. Huwa spjega kif din l-applikazzjoni ġiet approvata kontra kull oġġezzjoni li saret, inkluż dik tal-Kunsill. Il-Kunsill issa għandu talba mingħand resident biex ikompli jappella minkejja d-deċiżjoni meħudha mill-bord. Is-sindku qal kif ir-risposta li bgħatet it-town planner dwar il-fatt jekk għandux issa jsir appell mill-kunsill, li waslet l-uffiċċju ftit siegħat qabel is-seduta, hija daqsxejn komplessa. Is-Sur Dalli qal kif ħadd mill-kunsill ma jifhem daqshekk fuq l-appelli u għalhekk huwa qed jissuġġerrixxi li l-kunsill issa għandu jieħu parir mingħand avukat jew perit dwar kif jista jmexxi fuq bażi tal-aħħar imejl tat-townplanner. Il-Kunsilliera qablu.

33.10.2.2 Is-Sindku kompla jgħid li, appena jkollu żviluppi ġodda dwar x'bażi ta' appell jista jiġi addottat, ser issir komunikazzjoni mal-kunsilliera kollha b'imejl dwar dan, minħabba li ż-żmien sakemm jista jidaħħal appell jiskadi wara 30 ġurnata mid-deċiżjoni. Bħala Kunsill is-Sur Dalli qal li żgur hemm qbil li kemm il-darba hemm bażi soda għal appell, isir, biss kulħadd irid jifhem ukoll li hemm l-ispejjeż marbutin ma' dan il-proċess. Il-problema hija biss l-finanzjament u l-preċedent li jista jinqala fejn hemm ċans li l-kunsill jintalab biex jidħol f'aktar appelli.

33.10.2.3 Is-Sur Dalli ser jaġġorna lir-resident bid-deċiżjoni tal-kunsill.

33.10.3.1 Wara dan is-Sur Dalli tkellem dwar applikazzjoni tal-ippjanar oħra, bi nru PA 00170/19 fi 16, Triq Merino, bi numru ta' appell 00457/19. Huwa qal kif l-appell ta' din l-applikazzjoni nstemgħa fid-19 ta' Ottubru wara li xhur ilu sar site visit fuq il-post fejn huwa bħala Sindku tal-Lokalita kien preżenti. Is-Sur Dalli spjega kif l-Appell li instema, sar mill-applikant u dan wara li l-Kunsill u numru sostanzjali ta' residenti oġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp.

33.10.3.2 Is-sindku spjega li kif ingħata bidu għas-Seduta, il-Perit tal-applikant iddikjara li l-appell ser jiġi rtirat. Għalhekk ttieħdet id-deċizjoni biex dan l-iżvilupp ma jsirx u din id-deċiżjoni ser tibqa effettiva.

33.10.4.1 Is-Sindku għarraf lil kunsilliera kollha b'mod speċjali lil Kunsillier Zahra, li ġie nfurmat minn persuna li fl-10 ta' Novembru aktarx ser jinstema il-każ tal-applikazzjoni li qed toġġezzjona fuqu l-kamra tan-nar, pero l-ħin tal-każ għadu mhux ikkonfermat.

## 33.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

33.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

33.11.2 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-kennels tal-qtates li nxtraw taħt l-iskema LC CARE grant scheme tal-Animal welfare. Bil-fondi allokati nxtraw tlett kennels li tnejn minnhom ser jitpoġġew fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv viċin il-funtana. Is-sindku qal li huwa tkellem mal-feeders li jitimaw f'dik l-akwata u ma jsibux oġġezzjoni li jkollhom żewġ shelters, anzi jriduhom. Is-sindku qal li baqa shelter waħda li l-kunsill irid jaħseb fejn ser titpoġġa, u din trid titpoġġa x'imkien fejn ma jiġix ikkreat inkonvenjent, speċjalment jekk f'xi akwata partikulari m'hemmx qatates u jekk tpoġġa din is-shelter il-kunsill jispiċċa jkun l-kaġun li jattira l-qtates hemmhekk. Bħala l-kunsillier reponsabbli mill-annimali, is-sindku talab lis-sur Zahra jaħseb f'post fejn jista jitpoġġa dan is-shelter u talbu biex anke forsi jżur il-kunsill ħalli jkollu aċċess għal-lista tal-feeders, u b'hekk jik-kordina mal-feeders. Is-sur Zahra ħa nota u għandu jżomm lis-segretarju Eżekuttiv infurmatha.

33.11.3.1 Is-sinjorina Farrugia talbet biex il-bozoz li minnflokhom ser jitweħlu fanali ornamentali, bi fondi mill-iskema sebbaħ il-lokal kif ġie approvat ftit ilu, jistgħu jitweħlu fi toroq oħra li huma nieqsa mid-dawl. Hija qed tissuġġerrixi li bozza milli tinqala għandha titweħħel fi Ħalmann fejn il-fabbrika peress li hemmhekk hemm parti mudlama u daqsxejn perikoluża għax il-triq qiegħda aktar għolja mill-livell tal-għelieqi u għalhekk wieħed jista jaqa għal isfel. Hija qalet li diġa ressqet dan il-punt fi seduta oħra. Is-Sindku reġgħa ħa nota ta' dan is-suġġeriment u ma jsibx oġġezzjoni li waħda mill-bozoz titweħħel hemm. Huwa qal li dan il-metodu diġa ġie addottat, fejn il-kunsill qala bozoz minn ċertu toroq biex minnflokhom jitweħlu fanali u l-bozoz li nqalaw tpoġġew fi toroq li ma kellhomx dawl.

33.11.3.2 Fuq l-istess suġġett, il-Kunsillier Cini żied jgħid li minn dawn il-bozoz li ser jinqalaw tista tiweħħel waħda fin-nieżla ta' Villa Francia għax hemm waħda nieqsa u oħra fi triq Sir Ugo Mifsud fejn Apap store qabel iddur għal Triq Karlu Darmanin. Is-Sindku qal kif dawn il-bozoz msemmija miż-żewġ kunsilliera, kolha diġa qiegħdin fil-lista u ser issiru maż-żmien.

33.11.4 Il-laqgħa ntemmet fi 5:50pm.

33.11.5 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm onaljn.

Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |